**L-ARLOĠĠ FIL-KAMPNAR TAL-KNISJA PARROKKJALI TAL-QRENDI**

Professur Dun Manwel Agius
Dekan tal-Fakultà tat-Teologija fl-Università ta' Malta

Sa mill-eqdem żminijiet taċ-ċiviltà umana, il-bniedem issaħħar jinnota l-fenomenu taċ-ċikli tal-istaġuni u r-realtà taż-żmien, il-bidla naturali mill-jum għal-lejl, it-tqassim artifiċjali tal-ġurnata f'sigħat biex jimmarkaw il-proċess tal-ħin, u t-tfassil tal-kalendarju f'ġimgħat, xhur u snin. Bil-mod il-mod, in-nies taċ-ċiviltajiet antiki tal-Babilonja, l-Eġittu, il-Persja, l-Indja, Greċja u Ruma ħassew il-ħtieġa ta' mezz li bih jippjanaw ħidmiethom u għal dan ivvintaw arloġġi magħmula mill-ilma u aktar tard arloġġ tax-xemx biex juruhom f'liema stadju tkun waslet il-mixja tal-jum u l-lejl.



It-Tempji megalitiċi li jinsabu f'pajjiżna, fosthom dawk ta' Ħagar Qim u l-Imnajdra, huma xhieda preistorika fl-istudju tal-astronomija u r-rabta tagħha mal-proċess naturali tal-ħin. Barra li kienu ċentri ta' kult, dawn il-postijiet kienu jservu wkoll ta' kalendarju biex jimmarka żmien iż-żriegħ u l-ħsad, l-attivijiet reliġjużi kif ukoll dawk kulturali tal-komunità miġbura fil-madwar. Fil-fatt jekk wieħed iħares mill-qrib lejn dawn il-binjiet megalitiċi malajr jintebaħ li fil-parti l-kbira tagħhom m'huma xejn għajr arloġġi mnaqqxa f'ġebel kbir u għoli.

Kellhom jgħaddu ħafna snin biex il-bniedem jibda jitgħallem iżomm il-ħin aħjar b'mezzi aktar avvanzati bħall-arloġġ mekkanizzat b'sistema ta' roti li jiċċaqalqu u jduru b'mod sinkronizzat. X'aktarx li l-ewwel arloġġ ta' din l-għamla nħadem l-ewwel darba fl-Italja ta' fuq fis-seklu tlettax. Aktar tard, fl-1641, Galileo Galilei żviluppa arloġġ mekkaniku li jaħdem permezz ta' pendlu li jiċċaqlaq bis-saħħa naturali li tagħtih il-gravità.

Sakemm waslet f'Malta l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, l-arloġġ mekkaniku kien laħaq żviluppa ġmielu. Dan jista' jispjega l-għaliex fl-istess żmien l-arloġġ mekkanizzat sar ukoll popolari ħafna fostna l-Maltin.

Żewg ħaddieda li baqgħu magħrufin għall-ħila tagħhom fis-sengħa ta' arluġġar kienu Pietro Tanti u ibnu Gio. Antonio li għexu w ħadmu fl-ewwel nofs tas-seklu tmintax. Pietru Tanti, imwieled Ħaż-Żebbuġ fl-1692, iżżewweġ lil Maria Grima wara li kien romol mill-ewwel żwieġ tiegħu. Dawn kellhom tliet itfal, fosthom Joannes Antonius li twieled fl-1731 u li meta kiber mhux biss kompla fis-sengħa ta' arluġġar bħal missieru, iżda fl-1766 irnexxielu wkoll jidħol bi sħab ma' Marco Morello fil-fonderija tiegħu li kienet tipproduċi l-qniepen. Gio. Antonio Tanti miet fl-1817.

Bejn l-1735 u l-1749 Pietro Tanti ħadem diversi arloġġi, fosthom dawk għall-knejjes taż-Żejtun, ta' Ħal Balzan u tas-Siġġiewi. Pietro flimkien ma' ibnu Gio. Antonio ħadmu flimkien l-arloġġi tal-Knejjes ta' Ħaż-Żebbuġ u Ħaż-Żabbar. Meta Pietro kiber u ma baqax jaħdem, il-prokuraturi tal-knejjes bdew ifittxu lil ibnu Gio. Antonio biex jikkommissjonawlu xogħol ta' arloġġi. Ghall-arloġġi kollha maħduma mill-familja Tanti, li kienu jimmarkaw il-kwarti u s-sigħat, kienet ġeneralment titħallas is-somma ta' madwar 300 skud. Kienet id-drawwa wkoll li titħallas kapparra żgħira meta jiġi ordnat l-arloġġ u l-kumplament tal-ħlas jingħata meta jitlesta x-xogħol u l-arloġġ jitqiegħed f'postu.

Gio. Antonio Tanti irnexxielu jieħu l-fama ta' arluġġar prim tant li għadd ġmielu ta' prokuraturi ta' knejjes fittxew jikkommissjonawlu ix-xogħol għall-knejjes taghhom. Dokumenti arkivjati juru li Gio.

Antonio Tanti ħadem għaxar arloġġi għall-knejjes, fosthom dak tal-knisja parrokkjali tal-Qrendi. Il-knejjes l-oħra kienu l-Katidral tal-Imdina, l-arloġġ li jinsab fil-Palazz tal-Isqof fl-Imdina, għall-kampnari tal-Knsejjes tal-Kapuċċini fil-Furjana, u tal-parroċċi tal-Imqabba, in-Naxxar, Birkirkara, Ħal Taxien, Bormla, Ħal Lija, l-Isla u Ħal Għaxaq.




Għaldaqstant nistgħu ngħidu li meta gie ordnat l-arloġġ għall-kampnar tal-knisja tal-Qrendi, f'Malta kien hawn interess qawwi biex il-kampnari tal-knejjes ikunu mgħammra b'arloġġ mekkaniku tal-ħadid. Dan jixhduh in-numru kbir ta' arloġġi li nħadmu minn diversi arluġġara Maltin fil-perjodu msemmi.

Il-kuntratt biex isir l-arloġġ tal-ħadid għall-kampnar tal-knisja parrokkjali tal-Qrendi sar bejn Gio. Antonio Tanti u l-prokuratur tal-knisja Dun Celestino Camilleri fit-2 ta' Diċembru 1756 (Not. D.G. Bonavita, R 62/43, ff.208-209). L-arloġġ li sewa 300 skud kellu jitqiegħed fil-kampnar tal-knisja sa sitt xhur wara l-iffirmar tal-kuntratt. Fil-kuntratt insibu dettalji relatati mal-qisien li fuqhom kellu jinħadem l-arloġġ u li jekk xejn jindikaw li dan inħadem speċifikament għall-kampnar tal-knisja tal-Qrendi. Il-qafas tal-ħadid tal-arloġġ kellu jkun għoli daqs ta' erbgħa w kwart idejn miftuħa, tul ta' erbgħa w nofs idejn miftuħa, wisa' daqs ta' żewġ idejn miftuħa, bl-imrietel, il-ktajjen u l-mażżri kollha tal-ħadid. Fejn jidħlu spejjeż, minbarra dak li ngħata fl-idejn bħala kapparra, il-kumplament tal-ħlas kien miftiehem li jingħata sa sitt xhur wara meta l-arloġġ kellu jitqiegħed fil-kampnar tal-knisja biex idoqq kull siegħa w kwarta skont l-istil ruman.

Skont il-kuntratt l-arluġġar Tanti, minbarra l-obbligi msemmija qabel, kien intrabat li:
1) jiżbogħ il-wiċċ tal-arloġġ u jipprovdi l-ħbula tal-mażżri u l-injam ta' ġol-kampnar li fuqhom jitwaħħlu l-mazzez li jħabbtu mal-qniepen;
2) ir-roti kollha kellhom ikunu maħduma fuq it-torn skont kif titlob is-sengħa u li l-fusien tagħhom kellhom ikunu maħduma fil-bronż skont kif titlob is-sengħa;



3) ir-rota li tgħodd is-sigħat kellha ddoqq ħdax-il tokk kwarta qabel nofsinhar u kwarta qabel nofs-il lejl;
4) minbarra l-minutiera li turi s-sigħat, jekk l-isfera tal-arloġġ tippermetti, l-arluġġar ikun obbligat li jagħmel oħra biex tindika il-minuti;
5) li jqiegħed l-arloġġ fil-post fil-kampnar fejn ikun jista' jdoqq mal-qniepen tal-kampnar, kif xtaq il-prokuratur, u li jkollu ħabel ta' mhux inqas minn sitta w għoxin siegħa.

Jalla l-arloġġ fil-kampnar tal-knisja parrokkjali tal-Qrendi, li għal mitejn u ħamsa w ħamsin sena serva bħala punt ta' riferiment għall-komunità parrokkjali biex tagħraf tirregola ħinha matul il-jum u l-lejl, issa li qed jintradd lura f'kundizzjoni aħjar milli kien, ikompli jakkumpanjana fil-mixja taghna lejn dak l-għan li għalih twelidna u li għalih ukoll irridu ngħixu u mmutu – Il-ħajja ta' dejjem. Bid-daqq regolari tiegħu l-arloġġ jibqa' jfakkarna li mhemmx ħin x'naħlu "għax ma nafux la l-jum u lanqas is-siegħa li fiha jiġi Bin il-Bniedem." (Mattew 25:13).

---

Tagħrif storiku miġbur mill-ktieb ta' John Debono, *Art and Artisans in St John's and other Churches in the Maltese Islands ca 1650-1800*, Gutenberg Press, Malta 2005.